Story Changers : It-Titjib fil-Ħiliet Soċjali tal-Istudenti u l-Arrikkiment tal-Metodi ta' Tagħlim permezz tar-Rakkontar tal-Istejjer u tar-Realtà Virtwali

| | |
|---|---|
| **Output Intelletwali:** | **IO2** |
| **Titlu tal-Output Intellettwali:** | **Ħolqien tal-Istejjer "You Tell" u l-Gwida Rilevanti** |
| **Attività:** | **A5** |
| **Titlu tal-Attività:** | **Il-ħolqien tal-Istejjer "You Tell"** |
| **Sieħeb:** | **KENTRO MELETIS KAI DIADOSIS MYTHON KAI PARAMYTHION (MYTHOS)** |

Co-funded by the Erasmus+ Programme of the European Union

L-appoġġ tal-Kummissjoni Ewropea għall-produzzjoni ta' din il-pubblikazzjoni ma jikkostitwixxix approvazzjoni tal-kontenut, li jirrifletti biss il-fehmiet tal-awturi, u l-Kummissjoni ma tistax tinżamm responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li tinsab fiha.

## Ikkoordinati minn

Mediterranean Management Centre

## Sħab

L-iskola Primarja ta' Apostolos

| | |
|---|---|
| **Programm:** | Erasmus + |
| **Azzjoni Ewlenija:** | Koperazzjoni għall-innovazzjoni u l-iskambju ta' prattiki tajba |
| **Titlu tal-Proġett:** | Story Changers: It-Titjib fil-Ħiliet Soċjali tal-Istudenti u l-Arrikkiment tal-Metodi ta' Tagħlim permezz tar-Rakkontar tal-Istejjer u r-Realtà Virtwali |
| **Akronimu tal-Proġett**: | Story Changers |
| **Numru tal-Ftehim tal-Proġett:** | 2020–1-CY01-KA201–066072 |
| **Data tal-Bidu tal-Proġett:** | 01/12/2020 |
| **Data tat-Tmiem tal-Proġett:** | 30/06/2023 |

# Werrej


Titlu tal-Istorja ..... 3

Informazzjoni bażika dwar l-Istorja ..... 3

L-Ewwel Suġġett ..... 3

It-Tieni Suġġett ..... 3

L-Eżiti ta' Tagħlim ..... 3

Grupp fil-Mira (Studenti) ..... 3

Informazzjoni rilevanti oħra ..... 4

Referenza (jekk l-istorja tirreferi għal fatti reali, avvenimenti storiċi eċċ.) ..... 4

Elementi Ewlenin tal-Istorja ..... 4

Eroj prinċipali ..... 4

Ambjent ..... 4

Sommarju ..... 4

Test tal-Istorja ..... 4

L-1el Punt ta' Deċiżjoni ..... 9

It-2ni Punt ta' Deċiżjoni: ..... 13

It-3et Punt ta' Deċiżjoni: ..... 17

## Titlu tal-Istorja

It-Tifla Bil-Vuċi Msaħħra

## Informazzjoni bażika dwar l-Istorja

### L-Ewwel Suġġett

Diversità

### It-Tieni Suġġett

Rispett

Aċċettazzjoni

Inklużjoni

Empatija

Sterjotipi

### L-Eżiti ta' Tagħlim

L-għan tal-istorja huwa li t-tfal jitgħallmu:

- Jaċċettaw id-differenzi, jirrispettawhom u ma jibżgħux minnhom
- Jegħlbu l-biża' li jkunu differenti
- Iżidu l-empatija tagħhom
- Jagħrfu u jevitaw l-isterjotipi
- Jagħrfu l-emozzjonijiet tagħhom

### Grupp fil-Mira (Studenti)

☐ 1el-2ni Klassi tal-Iskola Primarja

☒ 3et-4ba' Klassi tal-Iskola Primarja

☒ 5es-6tt Klassi tal-Iskola Primarja

### Informazzjoni rilevanti oħra

### Referenza (jekk l-istorja tirreferi għal fatti reali, avvenimenti storiċi eċċ.)

Hija storja fittizja, ibbażata fuq l-għamla tal-ħrejjef folkloristiċi klassiċi

## Elementi Ewlenin tal-Istorja

### Eroj prinċipali

- Prinċep li jsir iħobb it-tifla bil-vuċi msaħħra
- It-tifla bil-vuċi msaħħra u marka skura fuq wiċċha
- Ġgant tal-biża' li jżomm lit-tifla priġuniera fl-għar tiegħu
- Qanfud bi tliet xewkiet biss
- Liebru (fenek selvaġġ) izappap
- Siġra xiħa tal-qastan
- Kokka kważi għamja

### Ambjent

Foresta kbira

### Sommarju

Prinċep żagħżugħ isir iħobb tifla bis-saħħa tal-ħoss tal-vuċi anġelika tagħha, waqt li kien riekeb żiemel fil-foresta. Meta fl-aħħar jaraha, jinnota marka skura u kbira fuq wiċċha. Jiddeċiedi li ma jagħtix kas tal-marka, joħodha d-dar u jiżżewwiġha. Iżda l-ewwel irid isalvaha mill-ġgant tal-biża' li qed iżommha priġuniera. Matul il-vjaġġ tiegħu fil-foresta l-kbira, huwa se jiltaqa' ma' diversi qaddejja maġiċi "mhux tas-soltu" li jgħallmuh ma jibżax u jafda dak li hu differenti minnu. Il-prinċep jegħleb lill-Ġgant, jieħu lit-tifla u jeħodha l-palazz tiegħu biex jiżżewwiġha.

## Test tal-Istorja

***It-tifla bil-vuċi msaħħra***

Darba fost l-oħrajn, f'renju mbiegħed ħdejn il-foresta kien jgħix prinċep sabiħ u b'saħħtu. Missieru kien iħarrġu binhar u billejl kif juża l-qaws u x-xabla u kienet ħaġa ċerta li kien se jsir l-aħjar wieħed fil-kaċċa u fil-ġlied. Kellu drawwa favorita, li jmur jagħmel mixjiet twal ħafna kmieni filgħodu fil-foresta li tant kien iħobb... Kien josserva s-siġar, l-għasafar u l-annimali, kien iħobb ixomm ir-riħa tal-injam u tal-

ħamrija mxarrba, filwaqt li kien jaqbad sal-iċken ħoss, u jipprova jaqta' minn fejn kien ikun ġej. Ma' raxx id-dlam, qabad triqtu lura, qabel ma waqa' dlam ċappa. Kien trabba fil-ġid, iżda wkoll b'ħafna mħabba; kellu kważi 18-il sena. Ir-re kien kburi ħafna b'ibnu, u kien diġà qed jaħseb x'tieġ kbir kien se jagħmel lil ibnu u x'għarusa aqwa minn hekk kien se jieħu bħala martu. Se tkun prinċipessa, sabiħa u famuża ma' kull rokna tad-dinja?

Dan kien dak li kien qed jaħseb ir-re u l-irqad tiegħu kien ħafif u ħelu bħall-ixkuma. Iva! Bħall-ixkumi bojod li jiġu servuti fit-tiġien.

U kif kien qed jorqod ftit li xejn, daqshekk ieħor kien qed iqum mix-xejn u kien qed jippjana l-futur ta' ibnu. U l-prinċep, l-istess. B'saħħtu, gustuż, tifel waħdu, huwa emmen li d-dinja kollha setgħet toqgħod f'idejh it-tnejn. U hekk kien - kif inhu l-każ għaż-żgħażagħ kollha, wara kollox. Kien imur għall-kaċċa fil-foresta ma' sħabu, u xi drabi kien iħobb jirkeb iż-żiemel waħdu. Wieħed minn dawk il-jiem tal-kaċċa, meta għejew, poġġew fi spazju bla siġar biex jistrieħu. Maġenbhom, kien hemm nixxiegħa ta' ilmijiet friski tax-xmara igelglu u kienet għaddejja żiffa ġentili bħal tmellisa. Meta ż-żewġt iħbieb waqfu jitkellmu u jidħku, bla ħadd ma jaf minn fejn, din iż-żiffa ġabet magħha vuċi ta' mara ħelwa lejn widnejhom, vuċi anġelika tkanta u li ġġiegħel lir-ruħ titla' fiss fis-sħab. Kulħadd semagħha u baqa' mistagħġeb, iżda l-prinċep qabdu l-bard. Ġismu kollu kien qed jirtogħod u qalbu kienet qed tħabbat sitta sitta. Qabel ma seta' jagħraf minn fejn kienet ġejja l-vuċi, il-kant waqaf. Stenna għal żmien twil, iżda l-vuċi qatt ma reġgħet instemgħet. Sħabu bdew igergru; riedu jkomplu jikkaċċjaw. Minn dakinhar, il-prinċep beda jmur fil-foresta aktar sikwit. Huwa ried jerġa' jisma' dik il-vuċi anġelika; il-vuċi li tqabbdu t-tferfir f'qalbu.

U tabilħaqq reġa' semagħha! Mhux darba biss, iżda kemm-il darba. U kull darba ħassu tassew kuntent, ħafif ħafna... ħafna..., daqslikieku hu wkoll kien lest li jtir bħall-anġlu li kien qed jisma'. Kien qed jorqod u jqum b'dik il-vuċi f'rasu. L-irqad... Le, ma setax jorqod. Kien tilef l-aptit. Ma baqax jara lil sħabu. Ma kienx interessat fl-affarijiet tal-palazz...

Ir-reġina u r-re bdew jinkwetaw. Jum fost l-oħrajn, missieru staqsieh x'kien għaddej.

"Pa", qallu l-prinċep, "kollox ma' kollox". "Qed nitlef moħħi. Għalhekk, iddeċidejt; Se mmur infittex it-tifla bil-vuċi anġelika. Nixtieq niżżewwiġha".

"Poġġi, ibni," qallu r-re," u ismagħni. Ma taf xejn dwarha, għadha żgħira, u sabiħa?"

"Ma jimpurtax, missier. Nixtieq biss insibha u nġibha d-dar".

"U jekk ma tkunx tridek x'jiġri, ibni?"

"Imbagħad pa, insir patri. Nagħmilha marti u daqshekk."

Darba waħda, waqt li kien qed jimxi fil-foresta, waqaf biex jistrieħ taħt id-dell ta' siġra kbira. F'daqqa waħda, sema' l-vuċi fil-bogħod. Qam jiġri bilwieqfa, biex jisma' b'aktar attenzjoni. Kienet hi! Bħallikieku kien taħt xi seħer, beda jimxi lejn il-vuċi. Kien ċert li kien qed jimxi fid-direzzjoni t-tajba, hekk kif il-vuċi saret aktar qawwija... Qatt ma kien sema' kanzunetta isbaħ minn dik f'ħajtu! Huwa baqa' miexi lejn fejn kienet qed tmexxih il-vuċi, daqslikieku kien mitluf. Sab ruħu f'postijiet li qatt ma kien mexa qabel, u fl-aħħar nett, sab lag u mbagħad... ra lilha!

"Din tifla jew fatata?" ħaseb il-prinċep. Kienet tassew sabiħa! Kienet liebsa libsa bajda u twila, bil-qafliet fuq l-ispalel, li tħallilha dirgħajha bojod u twal mikxufin. Kienet qed iżżomm is-sandli f'idha u kienet qed tbill saqajha fl-ilma minn ħin għall-ieħor. Ipprova jara għajnejha, iżda x-xalla bajda li kellha fuq rasha kienet qed tgħattilha wiċċha... Ma seta' jara xejn ħlief in-nokkli twal u suwed, li kienu qed imelsulha kemm kemm spallejha.

Il-prinċep baqa' hemm għal xi żmien josservaha. Huwa ammira l-ġentilezza tal-movimenti tagħha, il-mixja ħafifa tagħha, il-dgħufija tal-vuċi tal-kant tagħha. Huwa ħeba lilu nnifsu u kompla josservaha fil-kwiet, sabiex ma jinterrompihiex hi u tilgħab fl-ilma. U aktar ma ħares lejha, aktar beda jħoss ġibda lejha. Is-sentimenti uniċi tiegħu qabbduh it-tferfir, huwa ħass qalbu tħabbat tant tgħaġġel, li ħaseb li kienet se tinfaqa' u ttir minn sidru lejn ix-xatt imbiegħed, biex tiltaqa' ma' qalb it-tifla.

Huwa ried jgħidilha xi ħaġa, jgħajjat xi ħaġa, iżda ma setax joħroġ kliem minn fommu; wara kollox, lanqas biss ma kien jaf isimha. Huwa baqa' josservaha b'għajnejh miftuħa beraħ. U mbagħad, it-tifla bdiet tneħħi x-xalla bajda bil-mod. Ħallet il-qafla taħt geddumha u r-riħ ħadilha x-xalla u wassalha għand il-prinċep. Il-ħarsa fissa tagħha segwiet ix-xalla l-bajda. Il-prinċep imbagħad innota marka kannella kbira li tgħatti n-naħa tax-xellug ta' wiċċha, minn rasha sa xufftejha.

Iż-żagħżugħ immedjatament dawwar ħarstu lil hinn; huwa saħansitra dawwar ġismu u sab ruħu jagħti daru lejn il-lag, iħares lejn il-ġebla... Kien daqslikieku l-vuċi melodjuża waqfet tidwi f'widnejh; il-marka kannella fuq wiċċha kienet tappnet il-faxxinu li kien ħass għaliha.

Iżda t-tifla ma stħatx, ma beżgħetx, ma ħarbitx, jew saħansitra ħbiet wiċċha f'idejha, iżda nfexxet tgħidlu:

"Isma' din twelidt biha, toqgħodx tibża', jew titqażżiżni, u lanqas tiskartani".

Il-prinċep baqa' mistagħġeb li t-tifla bdiet titkellem mingħajr ma taħseb, mingħajr ma tagħti kas xejn u bil-kalma, bl-imħabba u bil-fidi qaltlu liberament x'ħasbet u dak li kienet taf:

"Ażżarda qed ngħidlek, ażżarda ħares lejn kollox

u dak li jidher ħażin f'għajnejk, tippruvax tbiddlu.

Il-grazzja u l-ħlewwa tagħhom ma tafhomx

iżda meta tħosshom, se tifraħ u tiċċelebra.

Id-dinja mimlija ġmiel, kulħadd jispikka,

Aħseb b'mod kreattiv għal ftit żmien u ara x'inhu ta' valur.

Il-poter tiegħek, flimkien ma' ta' kulħadd,

Jinsab fir-rispett lejn l-oħrajn, u dwar dan inkanta.

Infaħħar kull ġmiel, dak li jgħaqqadna,

Li jżewwaq il-ħajja u jferraħ lill-qlub.

F'dan il-festival tal-ħajja, ngħidlek ażżarda ħobb,

aħna lkoll differenti u dak huwa l-aktar importanti".

Il-prinċep immedjatament reġa' nġibed lejha u, fil-ġewwieni ta' qalbu, ħass li ried dik it-tifla maġenbu bi kliemha dehbieni u l-kanzunetta sabiħa tagħha. Ħass li tassew iħobbha, u ried jiżżewwiġha. L-istmerrija li l-marka kannella fuq wiċċha kienet ħolqot fih dlonk għebet meta skambjaw ħars ta' mħabba u kliem ħelu.

Iżda ma setax jiddeċiedi jekk isegwix x'kienu qed jgħidulu qalbu u l-istint u jieħu lit-tifla fil-palazz, jew jagħti widen għall-vuċi tgħajjat ta' missieru u tal-poplu tar-renju, li kienet qed tgħidlu li din il-kreatura ma kinitx se tkun adattata għat-tron.

Huwa pprova jsikket id-dilemma fih innifsu għal xi żmien u staqsa lit-tifla: "Kif inti daqshekk b'saħħtek fil-ħsieb u fl-għarfien? X'jismek? Għaliex tiġi l-lag waħdek kuljum? Għal min qed tkanta b'tant ħlewwa? Fejn issib il-kliem li bih tirrakkma d-dinja bil-melodiji? Sirt inħobbok qabel ma biss iltqajt miegħek!"

It-tifla inġibdet bil-kliem u d-dehra taż-żagħżugħ, u kienet ovvja li tħobbu, b'ġentilezza ħadet il-maktur abjad minn idejn il-prinċep u sparixxiet, daqslikieku xi ħaġa kienet beżżgħetha. Mingħajr ma tat ebda tweġiba jew spjegazzjoni liż-żagħżugħ, għajtet:

"Mur, mur malajr, iġri ħa taħrab,

u jekk tħobbni, erġa' lura biex issalvani."

Il-figura u l-vuċi tagħha sparixxew qalb il-foresta. Lanqas ma kien fehem kif tilef surtha waqt inżul ix-xemx... u beda jidlam... Reħilha lura għall-palazz.

Dak il-lejl stess, il-prinċep mtedd biex jistrieħ, u ma setax jorqod. Kien għad kellu l-melodija tal-vuċi tagħha f'widnejh u għaddilu ħsieb minn moħħu: "Nixtieq nerġa' naraha". L-għada filgħodu u qabel telgħet ix-xemx, ħa d-deċiżjoni li jmur isibha. Iżda qabel ma reħielha għal-lag, qal lil missieru dak li kien ra u sema' dakinhar.

"Pa —qal determinat — se mmur insibha. Nixtieq nerġa' nkellimha, inżommha f'dirgħajja u nġibha l-palazz."

"Fejn sejjer ibni? Fejn hu dan il-lag? Qatt ma smajt bih. U s-sema, ara s-sema, imsaħħab, ġejja maltempata, ara ma ssibx ruħek f'diffikultà. Agħmel moħħok hemm u tiħux riskji għal tifla wiċċha mmarkat.

Inti għadek żgħir u sabiħ, terġa' tħobb, jekk jogħġbok insieha. Inti sinjur u gustuż u se ssib imħabba oħra, prinċipessa sabiħa, bħalma jridu niesna. Darba oħra mmorru fejn il-lag, iżda issa ddeċiedi, żgur mhux se mmorru".

## L-1[el] Punt ta' Deċiżjoni

a) Il-prinċep għandu jisma' minn missieru u jibqa' d-dar? *Mur fuq paġna 10.*
jew
b) Għandu jippersisti u jmur biex isib it-tifla? *Mur fuq paġna 11.*

**a)** Il-prinċep obda minn missieru u b'qalbu sewda ddeċieda li dakinhar ma jmurx fejn il-lag. "Missieri għandu raġun. Barra minn hekk, lanqas biss niftakar fejn qiegħed il-lag, għalhekk jaf nintilef u nirriskja għal tifla li ma nafx wisq. Il-vuċi tagħha anġelika u l-istess ruħha, iżda għandha wiċċha mmarkat u kulħadd se jitkellem dwar hekk. Ħadd mhu se jinnota l-virtujiet u l-manjieri tagħha."

Iżda meta wasal il-lejl, il-vuċi tagħha reġgħet daħlet f'widnejh u ma setax jorqod. U dan ġara wkoll il-lejl ta' wara u l-iljieli kollha li segwew. U ħsibijietu ma kinux qed iħalluh bi kwietu: "Qalbi qed tfittixha; tagħha l-istess. Se tkun qed tistennieni, "jekk tħobbni, erġa' ejja u salvani"; mhux hekk qaltli? U jekk qiegħda fil-periklu? X'jiġri jekk qatt ma nerġa' naraha? Jekk jgħaddi ż-żmien, żgur li se nitlifha. Issa jien għandi l-età tiegħi, nista' nipproteġi lili nnifsi, u l-foresta dari, x'hemm xi jbeżżagħni? Għada mmur insibha, jiġri x'jiġri!"

L-għada, ir-Re rrealizza li xejn ma kien se jwaqqaf lil ibnu: "Mur, mela, iżda oqgħod attent! Lanqas illum mhu tajjeb it-temp. Żomm għajnejk miftuħa u oqgħod attent, ibni ", qal ir-Re hu u jtaptap fuq spallet ibnu. Il-prinċep libes l-aktar ħwejjeġ sħan li kellu, l-aktar żraben b'saħħithom, bies lil missieru u lil ommu u reħielha lejn il-foresta.

*Jekk jogħġbok mur fuq paġna 12.*

**b)** Il-prinċep insista: "Missier, afdani u berikni. Għada jista' jkun tard wisq u nista' nitlifha għal dejjem. Din mhijiex l-ewwel darba li sejjer fil-foresta. Għandha qalb tad-deheb u dak li jgħodd, la l-palazzi u lanqas id-deheb. Kont imsaħħar bil-kanzunetta tagħha u l-moħħ sabiħ li għandha".

Ir-Re rrealizza li xejn ma kien se jwaqqaf lil ibnu: "Mur, mela, iżda oqgħod attent! Lanqas illum mhu tajjeb it-temp. Żomm għajnejk miftuħa u oqgħod attent, ibni ", qal ir-Re hu u jtaptap fuq spallet ibnu.

Il-prinċep libes l-aktar ħwejjeġ sħan li kellu, l-aktar żraben b'saħħithom, bies lil missieru u lil ommu u reħielha lejn il-foresta.

*Jekk jogħġbok mur fuq paġna 12.*

## L-EWWEL EPISODJU: IL-QANFUD

Il-prinċep beda t-triq lejn il-lag kollu ferħan. Kien qed ifittex fuq il-lemin u fuq ix-xellug biex jiżgura li kien miexi waħdu. Beda josserva l-ħsejjes, il-kuluri u l-irwejjaħ tan-natura, il-ħaxix bil-fjuri jiffjorixxu mifruxin quddiemu, il-ħamrija mxarrba fil-forma tal-frak ta' filgħodu, it-tpespis ta' diversi għasafar u ż-żanżin tan-naħal li kienu qed jagħżlu n-nektar mill-aktar fjuri sbieħ. Il-kliem melodjuż mill-kanzunetta tat-tifla baqa' jidwi f'moħħu. "Fejn tinsab?" ħaseb il-prinċep.

Imdawwar b'daqstant sbuħija fil-foresta u medhi bil-ħsieb tat-tifla, ma nnutax is-sħaba ħoxna u sewda li kienet qed issegwih. F'daqqa waħda, l-ewwel taqtiriet bdew nieżlin u qabel ma l-prinċep seta' jaħseb liema triq se jagħżel, qabdet maltempata qawwija. Il-prinċep beda jiġri biex ifittex kenn. L-ewwel post li ħass li kien se jipproteġih kien l-għar f'qiegħ il-muntanja. Kien tant dlam li ma seta jara xejn. U mbagħad, beda jirtogħod, kemm minħabba l-kesħa kif ukoll minħabba li beda jibża'... Ma kienx jaf jekk kienx waħdu jew jekk kienx hemm xi ħadd ieħor moħbi f'dak l-għar. Huwa fittex fuq il-lemin u fuq ix-xellug biex jiżgura li kien waħdu.

Iżda f'daqqa waħda, sema' vuċi rqiqa tgħidlu:

"Ħellow, x'qed tagħmel hawnhekk?"

Il-prinċep ma setax jifhem minn fejn kienet ġejja din il-vuċi.

"Ħej, hawnhekk, sieħbi, hawn, quddiemek!" u tgerbeb u waqaf fuq saqajh.

"Min int u xi tkun eżattament?" staqsa l-prinċep.

"Jien Louie, l-Qanfud."

"Qanfud?" staqsa l-prinċep b'sorpriża, "u fejn huma x-xewk?"

"Fuq dahri, ma tistax tarahom?" wieġeb il-qanfud.

"Iżda dawk tlieta biss!" qal il-prinċep.

"U x'hemm ħażin b'daqshekk? Sħabi xorta jħobbuni u jżommuli kumpanija, allura b'daqshekk jekk għandi tliet xewkiet biss? Meta nkun fil-periklu, jgħinuni. Għidli, x'qed tagħmel hawnhekk f'ġurnata bħal din fil-foresta?"

"Qed infittex tifla. Kont rajtha ħdejn il-lag u l-vuċi tagħha saħħritli qalbi. Nixtieq nerġa' naraha u noħodha miegħi" wieġeb iż-żagħżugħ.

"Qed titkellem dwar it-tifla bix-xalla bajda? Inti miġnun? Ma tistax teħodha. Dik mgħassa sew minn ġgant. Ilu jżommha fl-għar tiegħu matul il-ġurnata kollha u ma jħallihiex toħroġ qabel ma tinżel ix-xemx u qabel ma jidlam. U jgħidu li hi lanqas għandha biss taħseb biex taħrab, għax jekk jidlam u ma terġax lura fl-għar, titlef minnufih il-vuċi tagħha, u qatt ma tkun tista' terġa' tkanta".

"U kif nista' nasal fejn il-lag?" xtaq ikun jaf iż-żagħżugħ.

" 'Il bogħod minn hawn, f'nofs il-foresta, fejn tgħix Glauce, il-kokka l-għarfa," wieġeb il-qanfud.

"U fejn tgħix il-kokka l-għarfa, Glauce?" staqsa l-prinċep.

"Kif tridni nkun naf? Trid issibha. Se ngħidlek biss ħaġa waħda, għax għandi qalbi tajba... Meta jorqod, il-ġgant jorqod b'għajnejh miftuħa, u meta jkun imqajjem jagħlaqhom."

Ix-xita waqfet. Il-prinċep irringrazzja lill-qanfud u ħareġ mill-għar. F'daqqa waħda, reġa' nstema' l-qanfud: "Ħu waħda mix-xewkiet tiegħi. Jista' jkollok bżonnha xi mkien. Lil kull min tniggeż, jiffriża għal ftit minuti biss."

"Tlieta biss għandek!" qal il-prinċep.

"Tinkwetax; sħabi jħobbuni anke jekk ikolli żewġ xewkiet!" wieġeb il-qanfud.

## IT-TIENI EPISODJU: IS-SIĠRA

Il-prinċep ġebbed dirgħajh u riġlejh, idritta ġismu u, wara li kien sellem lill-ħabib kbir tiegħu, huwa telaq isib it-triq li twasslu għal-lag.

Il-qawsalla, li kienet qed tagħti kulur bati lis-sema, kienet qed titbissimlu u żżommlu kumpanija. F'dak il-mument eżatt, minn qalb il-maltempata feġġet it-tama, u mimli ottimiżmu, il-prinċep baqa' miexi mgħaġġel, kważi jiġri, biex jilħaq il-post li kien qed joħlom dwaru. Il-kuluri tas-sema mlewlu qalbu b'ottimiżmu u ferħ u, lanqas għal sekonda waħda biss, ma waqaf jaħseb dwar l-iskop tal-vjaġġ tiegħu.

Wara li mexa għal ftit ħin mhux ħażin, il-prinċep waqaf f'daqqa. Ma setax jemmen dak li kien qed jara proprju quddiemu. Huwa teptip għajnejh u ħarbet minn fommu għajta ta' dispramet. Il-kuntentizza kollha li kellu għerqet fl-ilmijiet fondi tax-xmara, li kienet qed tinfirex quddiem għajnejh. Beda nieżel id-dmugħ minn għajnejh u ħassu tant żgħir u inutli.

"Kif għandi suppost naqsam dik ix-xmara?" ħaseb ferm frustrat. Huwa baqa' jiċċassa lejn ix-xmara għal żmien twil, mingħajr ma ċċaqlaq, sakemm f'daqqa waħda sema' vuċi ġejja minn warajh eżatt.

"X'ġaralek, ibni, u qed timmaġina kawża tal-imrar li qed tħoss?"

Il-prinċep dawwar rasu fid-direzzjoni tal-vuċi u staqsa frustrat, "Min hemm jitkellem u jinħeba kull darba?"

Is-siġra tal-qastan enormi wieġbet u reġgħet staqsietu x'kienet ir-raġuni li għaliha kien tant imdejjaq. Mingħajr eżitazzjoni, il-prinċep spjega lis-siġra x-xiħa tal-qastan r-raġuni li kien hemm għaliha u wkoll li ma kienx jaf kif jaqsam ix-xmara biex ikompli bil-vjaġġ tiegħu. Is-siġra tal-qastan, wara li semgħet b'attenzjoni u mingħajr ebda ħjiel ta' għaġġla, qaltlu li kienet se tgħinu jaqsam ix-xmara.

## It-2ni Punt ta' Deċiżjoni:

**a)** Il-prinċep għandu jipprova jsib mod kif jaqsam ix-xmara waħdu?

*Jekk jogħġbok mur fuq paġna 15.*

jew

**b)** Għandu jafda s-siġra x-xiħa?

*Jekk jogħġbok mur fuq paġna 16.*

**a)** Il-prinċep ħares lejn is-siġra x-xiħa tal-qastan b'suspett. "Kif tista' siġra xiħa tgħinni? Bilkemm issostni l-fergħat qodma tagħha stess" ħaseb bejnu u bejn ruħu. U mbagħad qallha b'mod spontanju u mingħajr ma ħaseb:

"Fuqiex qed titkellem s-siġra xiħa tal-qastan ? Lanqas ma tista' żżomm sew 2 jew 3 mill-fergħat tiegħek stess, tkemmixt bħal mara li għandha mijiet ta' snin, iz-zokk

qed jitfarfar u anke matul iż-żmien tar-rebbiegħa ma jkunx hemmx fjura waħda fuq il-fergħat tiegħek. Kif se tgħinni?"

"Ismagħni, tifel bla paċenzja" qaltlu s-siġra xiħa tal-qastan bil-mod u bil-kalma. "Għandek tkun taf li s-siġar qatt ma jixjieħu u li, bħall-bnedmin, aktar ma jikbru, aktar isiru għaqlin. Għandek tkun taf ukoll li dawn is-snin kollha li ili hawn, rajt ħafna nies li xogħolhom hu jaqtgħu l-injam tas-siġar, nisa eżawriti, kaċċaturi żgħażagħ qalbiena u arċiera romantiċi jinġabru hawn, iserrħu taħt id-dell kbir tal-fergħat tiegħi u jieħdu pawża qabel ma jkomplu bil-vjaġġ tagħhom. Għandek tkun taf ukoll li diversi rġiel żgħażagħ bħalek serrħu fuq għeruqi, ħolmu u bkew minħabba l-ewwel imħabba tagħhom".

Filwaqt li kienet qed titkellem, is-siġra x-xiħa tal-qastan tawlet ġisimha bil-mod fuq ix-xmara u qabel ma l-prinċep seta' jirrealizza dak li kien qed jiġri, is-siġra x-xiħa tal-qastan kienet diġà ħolqot pont għalih biex jaqsam. Il-prinċep bil-mod u bil-galbu tela' fuq il-pont u mexa fuqu nkiss inkiss, jipprova ma jweġġax ġisem is-siġra, u ladarba laħaq in-naħa l-oħra tax-xmara u kien sod fuq l-art, huwa tgħawweġ u bies fergħa xotta u żgħira tas-siġra b'rispett u gratitudni. Imbagħad, is-siġra x-xiħa tal-qastan qaltlu "dik il-fergħa ċkejkna li bist, tista' teħodha miegħek. U kull meta jkollok bżonn, issir il-pont tiegħek sabiex tkun tista' taqsam. Ħudha. Hekk nixtieq".

U għalhekk, il-prinċep poġġa l-fergħa f'butu u telaq.

*Jekk jogħġbok mur fuq paġna 17.*

**b)** Il-prinċep aċċetta minnufih l-offerta li għamlitlu s-siġra x-xiħa tal-qastan. Fil-fehma tiegħu, siġra kbira bħalha tkun għarfa u infurmata biżżejjed. Għalhekk, tkun deċiżjoni tajba li jafdaha.  Filwaqt li l-prinċep kien qed jaħseb dwar dan kollu, huwa ra s-siġra tal-qastan ittawwal ġisimha bil-mod fuq ix-xmara u qabel ma l-prinċep seta' jirrealizza dak li kien qed jiġri, is-siġra x-xiħa tal-qastan kienet diġà ħolqot pont għalih biex jaqsam. Il-prinċep bil-mod u bil-galbu tela' fuq il-pont u mexa fuqu nkiss inkiss, jipprova ma jweġġax ġisem is-siġra, u ladarba laħaq in-naħa l-oħra tax-xmara u kien sod fuq l-art, huwa tgħawweġ u bies fergħa xotta u żgħira tas-siġra b'rispett u gratitudni. Imbagħad, is-siġra x-xiħa tal-qastan qaltlu "dik il-fergħa ċkejkna li bist, tista' teħodha miegħek. U kull meta jkollok bżonn, issir il-pont tiegħek sabiex tkun tista' taqsam. Ħudha. Hekk nixtieq".

U għalhekk, il-prinċep poġġa l-fergħa f'butu u telaq.

*Jekk jogħġbok mur fuq paġna 17.*

## IT-TIELET EPISODJU: IL-LIEBRU

Kien kważi nofsinhar u l-prinċep kien qed iħossu bil-ġuħ, bil-ġuħ ħafna. "Irrid nistrieħ, irrid insib xi ħaġa x'niekol, inkella ma nkunx nista' nkompli. Iżda kif nista' nsib l-ikel, mingħajr il-qaws, idejja marbuta!"

U filwaqt li kien qed jaħseb x'għandu jagħmel, huwa sema' ħoss stramb warajh, fost il-weraq, bħal annimal iħaffer fil-ħmieġ biex isib xi ħaġa. Il-prinċep resaq viċin b'eżitazzjoni fil-bidu u mbagħad b'aktar kuraġġ. Hekk kif wasal qrib, ra liebru li kellu siequ l-leminija nieqsa, bil-mod iżda b'mod kostanti pprova jħaffer fil-ħmieġ.

Il-liebru f'daqqa waħda waqqaf ix-xogħol importanti tiegħu hekk kif ħass il-preżenza tal-prinċep. It-tnejn li huma ċċassaw lejn xulxin, bla ma tħarrku għal xi żmien, sakemm indunaw li ħadd minnhom ma kien fil-periklu. Imbagħad il-prinċep tkellem l-ewwel: "X'qed tistinka biex issib hemm?"

"U x'inhu affarik? Ħallini waħdi, mur fi triqtek u tinkwetax wisq," wieġeb il-liebru.

Iżda ż-żagħżugħ insista: "Ħallini ngħinek".

"Tgħinni?" wieġeb il-liebru, "Persuni bħalek ikunu jridu jiekluni". Il-prinċep insista għal darb' oħra: "Ħallini ngħinek, inti zzappap, ma nistax immur u nħallik."

"Jista' jkun li nzappap, iżda ma nġibx skużi. Nista' nkun aktar għejjien, iżda nasal. Mill-liebri kollha fil-foresta, jien dak li jsib u jieħu fid-dar żgħira tiegħu l-aktar karrotti. Iżda għaliex tixtieq tgħinni daqshekk? Żgur li trid xi ħaġa lura. Għidli x'għandek f'moħħok?"

Imbagħad il-prinċep ftakar fil-ġuħ li kellu u qallu: "Il-verità hi li għandi ħafna ġuħ. U jekk ngħinek, nittama li tagħtini xi ħaġa x'niekol, ukoll..."

Il-liebru ġietu ħniena mill-prinċep u aċċetta l-proposta tiegħu. Ħalla l-prinċep iħaffer u joħroġ mill-art munzell karrotti li kien difen hemmhekk ftit jiem ilu. It-tnejn li huma kielu l-karrotti u rrakkontaw lil xulxin stejjer dwar ħajjithom. Iżda l-ħin għadda. Il-prinċep irrealizza li kellu jgħaġġel qabel ma jaqa' d-dlam. Qabel ma telaq, il-liebru tah dan il-parir:

"Tipprovax tmur lura d-dar għax tintilef; il-lejl malajr jasal u l-foresta hija densa u diffiċli. Aqbad it-triq id-dritta minn hawn u ssib siġra kbira u twila quddiemek. Poġġi

fuq iz-zokk tagħha, irrilassa u ibqa' hemm biex torqod. Glauce, il-kokka l-għarfa tinsab hemm ukoll; se żżommlok kumpanija u traqqdek bil-ħrejjef li tirrakkontalek".

**IR-RABA' EPISODJU: IL-KOKKA**

Il-prinċep telaq isib is-siġra twila fejn tgħix il-kokka Glauce li żżomm kumpanija lil kull min jitlobha. Il-ħsibijiet tat-tifla f'moħħu kienu qed jitħawdu l-ħin kollu f'moħħu, u ma tax attenzjoni lill-kuluri fis-sema. Diġà kien qed jidlam! "Fejn hija t-tfajla bil-vuċi anġelika, it-tifla li serqitli qalbi? Qiegħed qrib fejn tgħix? Tiftakarni, qed tistennieni, jew nesietni?"

Imgħaddas fi ħsibijietu, il-prinċep kien diġà wasal. Iz-zokk tas-siġra t-twila kien qiegħed quddiemu. Kien id-dlam u l-prinċep bilkemm seta' jara. Kien qed jibża', tassew kien qed jibża'! Huwa ħares lejn is-sema biex jara jekk id-dawl tal-qamar setax itaffilu l-biża'. U f'dak il-mument għaddiet stilla u ħaseb li jagħmel xewqa, biex isib l-għażiża tiegħu malajr, sakemm fid-daqqa u l-ħin sema' vuċi...

"Nista' nagħraf meta xewqa tkun ġejja minn qalb dak li jkun!" qalet il-kokka.

"Min qed jitkellem u kif jista' jkun jaf, x'hemm f'moħħi u x'tixtieq qalbi?" staqsa l-prinċep.

"Jien Glauce, il-kokka l-għarfa, jiena ngħid lil kulħadd  biss dak li naf tajjeb ħafna."

"Jien prinċep, u smajt ħafna dwarek! Il-liebru li jzappap qalli biex infittxek. Inti taqsam daqstant stejjer mimlija għerf u kulħadd jafek fil-foresta kollha. Imma żomm, għaliex mhux tħares lejja hawn isfel? Għaliex qed tħares f'direzzjoni oħra?"

"Ma narax sew ħafna, għandi diffikultà bil-vista tiegħi."

### It-3et Punt ta' Deċiżjoni:

**a)** Il-prinċep għandu jkollu fiduċja fil-kokka? Ma tarax sew, allura kif tista' tipproteġih? Il-liebru qallu li kienet għarfa u tah il-parir biex isibha... Jista' jkollu bżonn jgħinha hu...

*Jekk jogħġbok mur fuq paġna 20.*

**b)** Għandu jkompli fi triqtu? Il-liebru ma qallux li l-kokka ma tistax tara tajjeb. Ma jaffordjax jitlef il-ħin jisma' l-istejjer.

*Jekk jogħġbok mur fuq paġna 21.*

**a)** Il-prinċep ħaseb. Il-liebru ma kien qallu xejn dwar dan.

"Toqgħodx qalbek sewda, issa taf! Iżda kun af ukoll li nista' nisma' b'mod preċiż il-movimenti li ma narax, xi drabi anke l-ħsibijiet. Iva, nista', pereżempju, nagħraf lil xi ħadd mill-ħoss tal-vuċi tiegħu, u l-vuċi mriegħda tiegħek, saħansitra tgħidli, nista' nħoss, li bħalissa qed tibża'. M'għandekx għalfejn tibża' aktar, qegħdin flimkien, tinsiex, u l-kumpanija ssebbaħ kull ħsieb".

"U kif tiċċaqlaq, kif ittir, nista' ngħin?"

"Grazzi talli tagħti kas, tajjeb li tkun taf kif inħossni u kif tħossok u kif iħossu kulħadd, tajjeb għalina lkoll li nifhmu lil xulxin. Staqsi! Kun għatxan li titgħallem kollox! Dejjem b'rispett! Għat-titjira, ħalli nweġibkom minnufih. Kulħadd jafni fil-foresta, għalhekk meta jarawni immedjatament jgħaġġlu u jgħinuni, jiggwidawni kif għandi nitla', jekk għandix immur ftit aktar lejn il-lemin jew lejn ix-xellug, u hekk dejjem nasal fid-destinazzjoni tiegħi. Meta nimxi, nuża l-bastun abjad tiegħi, issa dan huwa estensjoni tal-ġewnaħ tiegħi u jgħinni nipperċepixxi l-ispazju u l-kontenut tiegħu. Barra minn hekk, b'idejja nista' nifhem il-konsistenzi kollha. Nista' nħoss il-konsistenzi rotob tal-weraq u l-konsistenza aktar iebsa tas-siġar! U bl-għajnejn tal-qalb, nista' nħoss kull emozzjoni u ħsieb ta' dawk li jersqu lejja."

"Impressjonanti... għajnejn qalbek."

"Ikun impressjonanti kieku kulħadd kellu jiftaħhom, jisma' u jara."

"Iżda ma nistax nara kif tista' sseħħ xi ħaġa bħal din," qal il-prinċep.

"Meta jkun hemm l-imħabba u l-aċċettazzjoni, l-indukrar, id-dirgħajn miftuħa, l-interess ġenwin, kollox ikun jista' jseħħ, madwarek u fik innifsek! Għażiż ċkejken prinċep, dejjem ikun hemm mod. Iżda issa wasal żmien il-mistrieħ, wasal iż-żmien li tirrilassa, għidli dwar il-vjaġġ tiegħek u dak li wasslek hawnhekk u mbagħad inżommlok kumpanija għal kulma tixtieq qalbek. Se nirrakkontalek l-istejjer tiegħi, se ngħidlek dwar postijiet familjari u le, dwar il-kreaturi u n-nies".

Il-prinċep kien emozzjonat bil-ġenerożità ta' Glauce, u għalhekk fetaħ qalbu, qasam l-istorja u l-avventura tiegħu. Il-kokka bdiet tirrakkonta l-ewwel storja, u mbagħad it-tieni u t-tielet u mbagħad oħra u oħra. Qalb ir-raġel ikkalmat ftit. U

eżatt qabel ma għalaq għajnejh, huwa tenna: "Fejn ikun hemm l-imħabba u l-aċċettazzjoni, kollox jista' jseħħ fik u madwarek".

*Jekk jogħġbok mur fuq paġna 24.*

**b)** "Jiddispjaċini, dan ma kontx nafu dwarek, ħadd ma qalli," qal il-prinċep u kompla jgħid: "Iżda aħjar inkompli fi triqti. L-istejjer tiegħek interessanti, iżda m'għandix ħin x'naħli. Għandi bżonn insib post sikur biex inqatta' l-lejl."

"Toqgħodx qalbek sewda, issa taf! Iżda kun af ukoll li nista' nisma' b'mod preċiż il-movimenti li ma narax, xi drabi anke l-ħsibijiet. Iva, nista', pereżempju, nagħraf lil xi ħadd mill-ħoss tal-vuċi tiegħu, u l-vuċi mriegħda tiegħek, saħansitra tgħidli, nista' nħoss, li bħalissa qed tibża'. M'għandekx għalfejn tibża' aktar, qegħdin flimkien, tinsiex, u l-kumpanija ssebbaħ kull ħsieb".

"U kif tiċċaqlaq, kif ittir, nista' ngħin?"

"Grazzi talli tagħti kas, tajjeb li tkun taf kif inħossni u kif tħossok u kif iħossu kulħadd, tajjeb għalina lkoll li nifhmu lil xulxin. Staqsi! Kun għatxan li titgħallem kollox! Dejjem b'rispett! Għat-titjira, ħalli nweġibkom minnufih. Kulħadd jafni fil-foresta, għalhekk meta jarawni immedjatament jgħaġġlu u jgħinuni, jiggwidawni kif għandi nitla', jekk għandix immur ftit aktar lejn il-lemin jew lejn ix-xellug, u hekk dejjem nasal fid-destinazzjoni tiegħi. Meta nimxi, nuża l-bastun abjad tiegħi, issa dan huwa estensjoni tal-ġewnaħ tiegħi u jgħinni nipperċepixxi l-ispazju u l-kontenut tiegħu. Barra minn hekk, b'idejja nista' nifhem il-konsistenzi kollha. Nista' nħoss il-konsistenzi rotob tal-weraq u l-konsistenza aktar iebsa tas-siġar! U bl-għajnejn tal-qalb, nista' nħoss kull emozzjoni u ħsieb ta' dawk li jersqu lejja."

"Impressjonanti... għajnejn qalbek."

"Ikun impressjonanti kieku kulħadd kellu jiftaħhom, jisma' u jara."

"Iżda ma nistax nara kif tista' sseħħ xi ħaġa bħal din," qal il-prinċep.

"Meta jkun hemm l-imħabba u l-aċċettazzjoni, l-indukrar, id-dirgħajn miftuħa, l-interess ġenwin, kollox ikun jista' jseħħ, madwarek u fik innifsek! Għażiż ċkejken prinċep, dejjem ikun hemm mod. Iżda issa wasal żmien il-mistrieħ, wasal iż-żmien li tirrilassa, għidli dwar il-vjaġġ tiegħek u dak li wasslek hawnhekk u mbagħad

inżommlok kumpanija għal kulma tixtieq qalbek. Se nirrakkontalek l-istejjer tiegħi, se ngħidlek dwar postijiet familjari u le, dwar il-kreaturi u n-nies".

Il-prinċep kien emozzjonat bil-ġenerożità ta' Glauce, u għalhekk fetaħ qalbu, qasam l-istorja u l-avventura tiegħu. Il-kokka bdiet tirrakkonta l-ewwel storja, u mbagħad it-tieni u t-tielet u mbagħad oħra u oħra. Qalb ir-raġel ikkalmat ftit. U eżatt qabel ma għalaq għajnejh, huwa tenna: "Fejn ikun hemm l-imħabba u l-aċċettazzjoni, kollox jista' jseħħ fik u madwarek".

*Jekk jogħġbok mur fuq paġna 24.*

## IL-ĦAMES EPISODJU: Il-laqgħa mal-Ġgant

"Il-lag huwa ġurnata 'l bogħod minn hawn, ġifieri għaġġel.  Tinsiex, trid tasal qabel filgħaxija," qalet il-kokka għarfa, meta sebaħ u sellmitlu.

Il-prinċep segwa t-triq lejn il-lag. Minn ġol-weraq oħxon tas-siġar seta' jara x-xemx miexja bil-mod lejn il-Punent. Qalbu kienet qed tħabbat sitta sitta. Se jsibha fejn il-lag lit-tifla? Kompla jiġri b'kemm kellu saħħa, meta, f'daqqa waħda, ra l-lag fil-bogħod u qalbu bdiet tħabbat. Meta wasal, ix-xemx kienet niżlet u t-tifla ma kienet tidher imkien. Qalbu kienet maqsuma. Kien qed jiċċassa lejn il-lag, meta ra biċċa mix-xalla bajda tat-tifla tisparixxi fil-vojt, f'qasma fil-blat.

"Dan hu! Dan għandu jkun l-għar tal-ġgant," ħaseb il-prinċep.

Huwa pproċeda bil-kwiet kemm seta'. Meta wasal qrib, ħares 'il ġewwa u ra xi ħaġa tat-twerwir. Ra l-ġgant. La qatt ma kien ra u lanqas qatt ma kien immaġina bestja aktar tal-biża' f'ħajtu. Veru kien kbir, enormi, kif kienu qalulu u saħansitra aktar minn hekk. Idejh kienu kbar u ħorox. Iżda l-aktar ħaġa tal-biża' kienet il-ġilda tiegħu. Kienet mimlija xewk! Il-prinċep baqa' b'ħalqu u b'għajnejh miftuħin beraħ.

F'daqqa waħda sema' lill-ġgant jgħid:

"Wasalt fl-aħħar! Kważi dalam. Jekk tinsa, dalwaqt se jgħarralek... Jekk tkompli sejjer hekk se tidħol fl-inkwiet..."

"Niftakar sew l-ordni li tajtni u naf li ma nistax, għalkemm verament nixtieq naħrablek minn idejk."

Il-ġgant għolla jdejh biex iċapċpilha daqqa ta' ħarta talli ażżardat tkellmu hekk: "Kif ma tistħix tkellimni? Ieqaf issa! Ibda kanta, għalhekk qiegħda hawn u hawn se tibqa' għal dejjem, miegħi!"

It-tifla ħassitha rrabjata, u għal mument ħasbet biex ma tagħmilx dak li kien staqsa, iżda l-biża' tagħha kienet akbar mir-rabja. B'vuċi mriegħda, bdiet tkanta. Il-prinċep kien qed jisma' l-kanzunetta tagħha u t-taħbit ta' qalbu intensifika. Kulma seta' jaħseb kien kif se jirnexxilu jsalvaha. Ma kienx se jħalli dan il-post mingħajrha. Kif seta' jirnexxielu jġib lit-tifla?

Seta' biss jistenna lill-ġgant jorqod, jiġifieri, meta jkollu għajnejh miftuħin... Meta l-kanzunetta tat-tifla spiċċat, is-silenzju nfirex ma' kullimkien. Iż-żagħżugħ reġa'

ħares fl-għar, u bid-dawl bati tal-lampa taħraq, resaq viċin. Il-ġgant kienet qed jonħor. Meta t-tifla rat il-prinċep, ħassitha tinqata' mill-art! Huwa xengel rasu biex jagħtiha s-sinjal tibqa' kwieta. Qalilha biss żewġ kelmiet dwar l-imħabba tiegħu u dawn kienu biżżejjed.

Talabha ssegwih u hi aċċettat. Ħarġu nkiss inkiss mill-għar, u qagħdu attenti li ma jqajmux lill-ġgant. F'daqqa waħda, il-ġgant għalaq għajnejh u ra li l-prinċep kien ħataf lit-tifla u li kienu waslu biex joħorġu mill-għar. B'mossa waħda, huwa qabdu f'idejh ħorox u wasslu fit-tarf l-ieħor tal-għar.

It-tifla marret f'rokna u kienet qed issegwi kollox mingħajr ma setgħet tirreaġixxi, mingħajr ma setgħet issalva l-prinċep tagħha. Il-ġgant għajjat b'rabja kbira u mar jiġri lejh. Il-prinċep imbagħad ftakar fix-xewka tal-qanfud. Kien żammha f'idejh u meta l-ġgant avviċinah, niffidhielu f'sidru. Ġara eżatt kif kien qallu l-qanfud u l-ġgant iffriża.

Iż-żagħżugħ ma ħeliex ħin, qabad lit-tifla minn idha, iżda hi waqfet u ħasbitha darbtejn biex titlaq "Itlaq għażiż, mur, salva lilek innifsek, jien ma nistax nagħmel pass ieħor. Il-ġgant li jżommni hawnhekk għandu seħer fuqi. Jekk ma niġix lura lejn l-għar eżatt wara li tinżel ix-xemx nitlef l-vuċi minnufih u ma nerġax nitkellem." "Nixtieqek ħdejja, anki jekk ma terġax titkellem. Se nħobbok u se nieħu ħsiebek, żommli biss idi u ejja mmorru l-palazz". Dan huwa dak li qalilha l-prinċep u bdew jiġru lejn il-foresta. M'għaddiex wisq ħin qabel ma l-ġgant qam. Il-ġgant kien qed jagħmel passi kbar ħafna u d-dinja kollha bdiet tirtogħod. It-tifel u t-tifla kienu qed jiġru kemm jifilħu u setgħu jħossu n-nifs tal-ġgant joqrob lejhom, meta f'daqqa waħda raw tarf il-foresta quddiemhom. U hemmhekk, id-dinja kienet maqsuma f'biċċtejn. Fuq naħa waħda l-irdum u fuq in-naħa l-oħra l-ġgant. Kellhom jaslu fuq in-naħa l-oħra. U mbagħad, it-tifel ftakar fil-fergħa li s-siġra x-xiħa tal-qastan kienet tatu. Hekk kif ħariġha mill-but, inbidlet minnufih f'pont! Il-ġgant wasal hekk kif il-pont reġa' sar fergħa. Imbagħad, b'qabża kbira sab ruħu fuq in-naħa opposta. Iżda l-mument li rifes fuq xifer l-irdum, waqa' l-ġebel u l-ġgant intilef għal dejjem.

"It-tifla u l-prinċep baqgħu fejn kienu, iħarsu lejn l-irdum. Ma setgħux jemmnu li rnexxielhom jaħarbu minn dan it-tirant.

"Is-seħer ixxejjen, it-tirant waqa mill-irdum għal isfel, u issa mhux se nibqa' fl-għar. Grazzi talli salvajtni" qalet it-tifla u l-prinċep weġibha: "Il-vuċi sabiħa tiegħek salvatek. Il-vuċi tiegħek ġegħlitni nsir inħobbok."

Il-prinċep u t-tifla qabdu triqthom lura lejn ir-renju. Meta waslu fil-palazz, il-prinċep introduċa t-tifla li kien iħobb lir-re u lir-reġina. Għaliha kien ażżarda jagħmel affarijiet li qatt ma kien jimmaġina, lanqas fil-ħolm tiegħu. Ir-re sema' l-istorja tagħhom u ta l-ordnijiet biex jitħejja tieġ.

Jgħidu li kien hemm tieġ u ċelebrazzjonijiet kbar. U din l-istorja għadha tingħad f'dak il-post sal-lum. Għax għexu kuntenti għal dejjem!